32000R1209

L 138/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.6.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1209/2000
tat-8 ta' Ġunju 2000
li jistabbilixxi proċeduri biex iġib fis-seħħ il-komunikazzjonijiet preskritti taħt l-Artikolu 41 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 41,

Wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999 tat-2 ta' Diċembru 1999 [1], li jiddefinixxi l-proġett(i) ta' l-investiment li jridu jiġu komunikata lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 41 tat-Trattat,

Billi:

Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni, sakemm huwa meħtieġ għat-twettiq tad-dover li jaqa' fuqha skond il-Kapitolu IV tat-Trattat, biex tiddetermina l-proċedura biex jitwettaq l-obbligu impost fuq persuni u impriżi bl-Artikolu 41 li jikkomunikaw proġetti ta' l-investiment relatati ma' installazzjonijiet ġodda u wkoll ma' tibdil jew konverżjonijiet li jissodisfaw il-kriterji għal dak li hu tip u daqs stabbiliti mill-Kunsill,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Proġetti ta' l-investiment li għandhom x'jaqsmu ma' installazzjonijiet ġodda u wkoll ma' tibdil jew konverżjonijiet li jissodisfaw il-kriterji dwar tip u das stabbiliti bir-Regolament (Euratom) Nru 2587/1999 għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni permezz ta' formola, li l-mudell tagħha jinsab anness ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

L-obbligu li wieħed jikkomunika lill-Kummissjoni l-proġetti ta' l-investiment li għalihom issir referenza fl-Artikolu 41 tat-Trattat jaqa' fuq persuni jew impriżi impenjati fl-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness II tat-Trattat, fir-rigward ta' l-installazzjonijiet kollha diġà stabbiliti jew li jridu jiġu stabbiliti fil-Komunità; (l-obbligu għandu, f'każijiet xierqa, jitwettaq mill-amministrazzjoni lokali fil-każ ta' l-intrapriżi li għandhom is-sede tagħhom barra l-Komunità).

L-Artikolu 3

Meta l-informazzjoni li trid tiġi notifikata skond l-Artikolu 41 tat-Trattat tkun diġà ngħatat fil-kuntest tas-sottomissjoni ta' informazzjoni ġenerali taħt l-Artikolu 37 tat-Trattat, in-notifika tista' tiġi limitata għal kontroreferenza għal sottomissjonijiet simili preċedenti u, barra dan, l-informazzjoni l-oħra kollha li għandha tingħata skond il-kontenut tal-formola li hija annessa ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 4

Kull bidla magħmula matul it-twettiq ta' proġetti ta' l-investiment komunikati lill-Kummissjoni b'mod konformi ma' dan ir-Regolament għandu jkun is-suġġett ta' komunikazzjoni ulterjuri taħt l-istess kondizzjonijiet.

L-Artikolu 5

Kull bidla magħmula fil-formola msemmija għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 6

Ir-Regolament Nru 1 tal-Kummissjoni ta' l-EAEC ta' l-5 ta' Novembru 1958 [2] huwa mħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-8 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Viċi-President

[1] ĠU L 315, tad-9.12.1999, p. 1.

[2] ĠU 25, tas-27.11.1958, p. 511/58.

L-ANNESS

PROĠETT TA' L-INVESTIMENT

(mudell)

Attivitajiet industrijali elenkatifl-Anness II tat-Trattat	Informazzjoni li trid tiġi provduta
L-attivitajiet kollha 1 sa 13	1.1. L-isem u l-indirizz tal-persuna jew ta' l-impriża li tinnotifika lill-proġett ta' investiment u, fejn approprjat, l-isem ta' persuna responsabbli li lilha jistgħu jiġu indirizzati domandi supplimentari jekk meħtieġ. 1.2. L-isem tal-proġett ta' investiment. 1.3. Attivitajiet industrijali li taħthom jaqa' l-proġett ta' investiment skond l-Anness II tat-Trattat. 1.4. Sejra tkun installazzjoni ġdida, sostituzzjoni jew konverżjoni? 1.5. Referenza għad-dokumenti komunikati qabel lil Euratom fir-rigward tal-proġett ta' investiment (data tal-korrispondenza). 1.6. L-isem u l-indirizz tal-persuna(i) jew impriża(i): (a) li sejrin joperaw l-installazzjoni; (b) li sejrin jipreparaw il-proġett għal-installazzjoni; (ċ) li sejrin jissorvelljaw u jinspezzjonaw it-twettiq tal-proġett; (d) li sejrin ikunu prinċipalment responsabbli għall-forniment ta' l-apparat. 1.7. Metodi ta' finanzjament. 1.8. Lokazzjoni ġeografika. 1.9. Deskrizzjoni fil-qosor u pjanijiet ġeografiċi. 1.10. Spejjeż ta' l-installazzjoni inizjali (f'Euro) u analiżi sistematika tal-komponenti ewlenin ta' l-ispejjeż. 1.11. Skeda proposta meta sejrin isiru l-ordnijiet ewlenin, l-installazzjoni u l-bidu, partikolarment il-konklużjoni ta' kuntratti inizzjali ma' dawk li sejrin jibdgħu x-xogħol ta' bini, u d-data pjanata għall-ikkommissjonar. 1.12. Deskrizzjoni tal-pjanijiet, jekk hemm, sabiex l-installazjoni tiġi dikommissjonata. 1.13. L-awtorità uffiċjali ta' l-istat li tissuplixxi l-liċenzji għall-kostruzzjoni u għal-operat; żmien ta' validità tal-liċenzja għal-operat. 1.14. Deskrizzjoni fil-qosor tal-programmi ta' riċerka u ta' żvilupp, jekk hemm.
L-attivitajiet kollha ħlief 11 (reatturi)	2.1. Komposizzjoni u natura tal-produzzjoni; kappaċità annwali. 2.2. Karatteristiċi ewlenin ta' l-installazzjoni. 2.3. Jekk hija proposta estensjoni għall-installazzjoni, iddikjara b'liema proċess, matul liema perjodu u f'liema proporzjon huwa pjanat li tiġi mibdula l-produzzjoni annwali. 2.4. Meta ebda estensjoni mhi pjanata, iddikjara jekk, wara li jiġu meqjusa l-kondizzjonijiet lokali u ċirkostanzi oħrajn, hijiex possibbli żjieda fil-kapaċità ta' produzzjoni fis-sena u jekk iva indika b'kemm.
Għall-attività 11	3.1. L-isem tat-tip ta' reattur pjanat u l-użu ewlieni tiegħu. 3.2. Karatteristiċi ewlenin ta' l-installazzjoni. 3.3. Karatteristiċi ewlwnin ta' l-elementi karburanti li jridu jintużaw. 3.4. Karatteristiċi tal-moderatur u tar-riflettur. 3.5. Karatteristiċi ta' l-aġent li jberred u ta' l-aġent sekondarju li jberred.

Attivitajiet industrijali elenkatifl-Anness II tat-Trattat	Informazzjoni li trid tiġi provduta
Attivitajiet 3,4,5,6,7,8,9,10; fejn applikabbli 12, 13	4.1. Komposizzjoni proposta u kwantità annwali ta' provvisti prinċipali meħtieġa għall-operazzjoni ta' l-impjant, inklużi ħtiġiet ta' l-enerġija u semmi il-fornituri.
Attivitajiet 4,5,7,8,11,12; fejn applikabbli 13	5.1. Jekk rilevanti, informazzjoni supplimentari dwar is-sejba ta' sit għall-istallazzjoni.
Għall-Attività 1	6.1. Ġeoloġija tad-depożitu li jrid jinħadem. 6.2. Riservi ppruvati tad-depożitu li jrid jinħadem. 6.3. Riservi stmati tad-depożitu li jrid jinħadem. 6.4. Riservi ppruvati u stmati għall-konċessjoni kollha.
Għall-Attività 5	7.1. Deskrizzjoni ta' l-elementi tal-karburant.